TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/244/16/S

Victor Farrugia f'isem Daniel Farrugia
Vs
Sara Grech Limited

Illum 11 ta'Mejju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Victor Farrugia f'isem Daniel Farrugia pprezentata fl-20 ta'Dicembru,2016 u r-risposta tas-socjeta Sara Grech Limited ipprezentata fil-11 ta'Jannar,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-2 ta'Marzu,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda servizzi ta' senserija moghtija mis-socjeta intimata u li kellha offerta ghal perjodu limitat u b'certu kundizzjonijiet. Ir-rikorrent qed jitlob li jithallas l-ammont kollu tal-kont tan-Nutar ('notorial fees & VAT') filwaqt li s-socjeta intimta kienet lesta thallas biss is-somma ta' 900 ewros li fil-kont jaqghu taht il-kolonna "Public deed/Private writing - Drafting & Publication);

Illi jinghad mal-ewwel li dan il-kaz jinvolvi fuq l-interpretazzjoni ta' "notorial fees" u x'jirraprezentaw;

Illi z-zewg partijiet ipprezentaw ir-reklam offrut mis-socjeta intimata fejn hemm imnizzel testwalment : "*Cost of researches, contract registration and other expenses are not covered by this offer*";

Illi l-qari ta' dawn il-kliem iwassal biex wiehed jinduna l-inhu inkluz fl-offerta u dak li hu ezenti mill-hlas daparti tal-klijent tas-socjeta intimata;

Illi nonostante dak fuq inghad, it-Tribunal jenfasizza l-bzonn li offerti simili ikunu cari u ma jhallu ebda dubbju f'min ikun qed jithajjar jehodhom;

Illi dan it-Tribunal ihoss li mill-provi mressqa, jirrizulta li apparti is-somma ta' 900 ewros u l-VAT, l-ispejjez l-ohra ma jaqghux taht dak offrut fl-imsemmija offerta u ghalhekk mhux dovuti mis-socjeta intimata lir-rikorrent;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Victor Farrugia f'isem Daniel Farrugia filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Sara Grech Limited, b'dan li tithallas is-somma ta' €900 u l-VAT relattiv mis-socjeta intimata lir-rikorrent. Kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru